Minuti tas-sebgħa u erbgħin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 10 ta' Mejju, 2012 fis-7.30 ta' fil-għaxija. F'din il-laqgħa tkompliet l-Aġenda tal-laqgħa numru 46.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| Assenti | |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

Item1. Kwotazzjoni tal-pavimentar bil-*profido slabs* tal-ispazju ħdejn l-uffiċċju amministrattiv il-ġdid - Kwotazzjoni Nru. 06/2012.

2267 Il-Perit Scerri li kien preżenti għal laqgħa, ippreżenta r-rapport dwar l-erba' kwotazzjonijiet li kien hemm. F'dan ir-rapport il-perit innota li kien hemm xi żbalji tal-għadd u l-ammont korrett tal-kuntratturi kien:

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1 | Pius Attard | € 5,435.90ċ |
| 2 | Simon Sultana | € 5,962.26ċ |
| 3 | Joseph Mercieca | € 4,950.47ċ |
| 4 | J. Portelli Projects | € 4,067.96 |

Hu rrakomanda li din tingħata lill-J. Portelli Projects għar-raġuni li kienet l-irħas waħda. Il-Kunsill qabel li din tingħata lil J. Portelli Projects.

2268 Il-perit Scerri ġie mistoqsi rigward il-ħajt tas-sejjieħ tal-Bidwi Park li nbena mill-kuntrattur. Il-perit qal li hu sar jaf li dan il-kuntrattur beda x-xogħol mingħajr awtorizzazjoni u waqfu fejn

SANNAT

anke bagħatlu email sabiex ma jkomplix. Intqal li waqt il-bilateral meeting u l-ispezzjoni li saret fuq il-post fil-4 ta' Mejju 2012, issemma li nbena ħajt mingħajr awtorizzazjoni fil-proġett tal-Bidwi Park. Il-perit qal li ma jara xejn ħażin li ssir talba sabiex il-flus li ma ntużawx fuq il-Measure 323 jintużaw sabiex jinbena dan il-ħajt. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil Paying Agency dwar dan.

Rigward il-ħlas tal-perit/technical consultant ġejna nfurmati mis-Sur Bernard Bartolo, mid-Dipartiment tal-Kuntratti biex nimxu mal-Avviż Legali 296/2010. Il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa mas-Sur Bartolo biex il-Kunsill jingħata direzzjoni ċara. Għal din ir-raġuni s-sejħa ta' din it-tender ġiet estiża sal-11 ta' Ġunju 2012.

Issemma li l-kuntratturGatt Tarmac Ltd. bagħat il-kont ta' €38,724.71ċ li hu ta' parti mix-xogħol li hu lest li jirriġwardja wieħed miż-żewġ ħitan li oriġinarjament kellhom isiru skond it-tender li t-total tagħha kellu jkun ta' €56,404. Dwar dan il-perit qal li dak hu l-kejl tal-kuntrattur u mhux tiegħu u huwa ser jimxi fuq il-kejl li jagħmel hu u mhux tal-kuntrattur.

2269 Il-perit ta spjegazzjoni rigward il-playing field ta' Sannat Junction. Intqal li jrid isir rapport minn *playing field engineer*. Rigward dan kellu jieħu ħsieb il-perit. Fir-rigward tal-bieb tal-playing field il-perit qal li ma hemmx bżonn isir permess min għand il-MEPA.

2270 Rigward il-proġett ta' Skerla saret proposta li l-ħajt tas-sejjieħ li hemm fi stat ħażin jinbena mill-Kunsill. L-IPSL għandhom jiġu mitluba jibnu dan il-ħajt. Nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju għandu jiġi l-perit biex jara t-tenders tal-playing field.

**Item 2. Notte Scarlatta**

2271 L-attivita' kulturali Notte Scarlatta ser isir is-Sibt 2 u l-Ħadd 3 ta' Ġunju 2012.

Il-Programm ser ikun hekk:

Is-Sibt

Inawgurazzjoni tan-Notte Scarlatta permezz tal-ftuħ ta' Wirja tal' Abiti Sagri fid-dar tal-Arċipriet. Għal din il-wirja jrid ikun hemm security jew pulizija għassa magħha għar-raġuni li jkun hemm oġġetti prezzjużi. Wara jsir kunċert mużikali mis-soprana Giorgina Gauci. Bħala preżentatur ser ikun hemm il-Kavallier Joe Attard. Il-palk ser isir fejn is-siġra tal-awrikarja fil-Pjazza Santa Margerita. Wara ser ikun hemm banda Maltija u ser jitolbu €200 peress li ser ikun hawn ta' Puttinu Cares li ser jagħmlu ġabra waqt din l-attivita'. Kien hemm talba minn Melanie Zammit u oħra mix-Xagħra li offrew is-servizzi tagħhom ta' żfin.

Wara fil-pjazza tax-Xelin ser ikun hemm lecture bi slides minn Consigilja Azzopardi.
Ser ikun hemm life entertainment minn Teddie Zammit u sħabu li ser idoqqu u ser jagħmlu dan bi prezz tajjeb. Ser ikun hemm oħrajn li jibqgħu sa nofs ilejl.
Ser ikun hemm stalls tal-artiġjanat u fjuri. Ser isir l-akbar ftira li saret f'Għawdex bil-għajnuna ta' David's Bakery. Ta' Delicata ser joffri inbid bi prezz tajjeb lill-club tal-Futbol u lis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita.

Il-Ħadd

SANNAT

Ser isir  Motor Fest. Jekk possibbli jsir ukoll *drifting* fil-grawnd tal-iskola.
Fi Pjazza tax-Xelina ser isiru stalls u jkun hemm id-daqqaqa fejn ta' Rosina Bar. Consilja Azzopardi ser  ittelgħu wirja tal-bizzilla.
Fi Triq Dun Xand Aquilina ser jiġu pparkjati l-Classic Cars li fejn ser isir wirja tagħhom.
Wara nofs inhar ser ikun hemm cultural walks. Għal din l-attivita' għandna nipprintjaw ftit mapep ta' Sannat (100).
Għal ħabta tal-5.00 p.m. għandu jsir show tal-għasafar minn grupp minn Buġibba. Din ser tkun b'xejn u wara ser jagħmlu press conference rigward l-għaqda tagħhom. Ser ikun hemm children's area fil-Pjazza Santa Margerita fejn ser jieħu ħsieb ta' kollox huma. Għandha ssir wirja tal-Marshal Arts minn KALI-JKD u żfin  minn diversi gruppi. Il-banda għandha tieħu sehem  u jsir reanactement tal-wasla tar-Reġina f' Ta' Sannat. Jekk possibbli jinġieb il-permess tal-Kummissarju tal-pulizija. sabiex ikunu jistgħu jilbsu  ta' pulizija biż-żwiemel. Jeeps 450 ser joffru s-servizi tagħhom għal dan ir-reanactement. Rigward il-kostumi għandhom jinġabu mingħand May Vassallo. Għandha tinġieb banda Germaniża li kunbinazzjoni ser tkun f'Għawdex. Is-Sezzjoni tal-Kultura għandhom jintalbu t-tined u blocks għal dawn l-attivitajiet. L-attivita' ser tagħlaq permezz ta' entertainment mill-Cash and Band li ser jiġu bi prezz ridott.

2272 Kwotazzjonijiet tal-Billboards u Flyers għal Notte Scarlatta

Inġabu tlett hand quotations li kienu:

| No. | Isem il-Kuntrattur | Flyers | Billboards | Total |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Olivers' Smart Signs | €270 | €195 | €465 |
| 2 | Gozo Creations | | | €708.00 |
| 3 | Refalo Signs | €300.90ċ | €424.80ċ | €725.70 |
| 4 | BCD Printing | €329.70 | €299.25ċ (blue back print) | €628.95 |
| | | | €330.75ċ (Sticker on triplane) | €660.45 |
| | | | €472.50ċ (Printed banner) | €802.20 |
| | | | €409.50ċ (sticker on 2mm pvc) | €739.20 |

Din ingħatat lil Oliver's Smart Signs li kient l-irħas waħda.

**Item 2. Mappa tal-Lokalita'**

2273 Il-MEPA bagħtu l-mappa tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel li jsir xi tibdil fil-kuluri fejn kull kulur jindika postijiet differenti.

**Item 3. Talba għal permess tal-ħruq tan-nar fil-festa tal-Munxar.**

2274 Il-Parroċċa tal-Munxar talbu l-permess għal ħruq tat-nar tal-ajru fil-festa bejn il-25 u s-27 ta' Mejju 2012. Il-Kunsill qabel li dan il-permess jingħata bil-kundizzjonijiet bħal tas-sena l-oħra li huma skont is-*site plan* ipprovduta mill-Parroċċa tal-Munxar, bil-kundizzjoni li kollox jkun skont ir-regolamenti tal-pulizija, speċjalment id-distanza mir-residenzi. Għandha ssir spezzjoni fuq il-post u l-madwar, inkluż l-iskola u l-grawnd tal-futbol ta' Sannat għal xi

murtali mhux sparati sabiex jinġabru. L-ispezzjoni fl-iskola għandha ssir qabel ma jidħlu t-tfal fl-iskola primarja ta’ Sannat. Il-Kumitat tan-Nar, il-kappillan tal-Munxar u/jew il-persuni li huma responsabbli mill-permess tal-ħruq tan-nar iridu jagħmlu tajjeb għal danni li jistgħu isofru terzi persuni, inkluż wara l-ħruq tan-nar. Għandha ssir dikjarazzjoni bil-miktub lill-Kunsill li jaċċettaw dawn il-kundizzjonijiet u kopja tagħha għandha tiġi mehmuża mal-permess.

2275 Ġie propost li fejn ta’ Marija’s tal-Bar fil-Pjazza tax-Xelina ssir reserved parking. Din ġiet approvata u għandha ssir talba lil Transport Malta.

2276 Peress li l-bankijiet li hemm fil-bajja ta’ Mġarr ix-Xini huma fi stat ħażin, il-Kunsill qabel li tinħareġ tender jew kwotazzjoni għal dawn il-bankijiet.

**Item 4. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

2277 Ġew approvati l-kontijiet pendenti skont lis-skeda tal-pagamenti numru 22 li hi annessa mal-minuti.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.00 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għal għal nhar il-Ħamis, 17 ta’ Mejju sabiex titkompla l-Aġenda li għad hemm pendenti.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |